Djoċesi ta' Għawdex

# Newsheet tal-Għaqdiet Kattoliċi

Segretarjat għall-Appostolat tal-Lajċi

Nru. 477 SETTEMBRU 2016

## NGĦOŻŻU L-ĦAJJA

**Silta mill-Pastorali tal-Isqfijiet Maltin fl-okkażjoni tas-solennità liturġika tal-Assunzjoni ta' Marija fis-Sema**

***Theddida għall-ħajja fil-bidu tagħha***

Il-ħajja tal-bniedem, fl-ewwel ġranet tal-eżistenza tagħha, tista' tiġi mhedda meta jittieħdu pilloli jew mediċini bl-iskop li l-ħajja li tkun tnisslet fl-omm ma tkomplix tiżviluppa, anzi tinqered. L-effett ta' xi pilloli f'xi ċirkustanzi jista' jkun abortiv. Persuna li qed tgħix it-twemmin Nisrani b'serjetà u impenn għandha l-obbligu morali li tfittex l-informazzjoni sħiħa dwar l-effetti kollha ta' dawn il-prodotti mediċinali biex tagħmel deċiżjoni responsabbli favur il-ħajja.

F'każ ta' dubju xjentifiku dwar kif jaħdmu dawn il-prodotti mediċinali, id-deċiżjoni għandha tkun dejjem favur il-ħarsien tal-ħajja. Il-kuxjenza ta' dawk il-professjonisti li qed jaħdmu fis-settur tas-saħħa, li għandhom oġġezzjoni li jippreskrivu jew ibiegħu dawn il-prodotti mediċali minħabba d-dubju xjentifiku dwar l-effetti tagħhom, għandha tiġi rispettata.

***L-ewtanasja: theddida għall-ħajja***

Tqanqlet ukoll il-kwistjoni tal-ewtanasja. Hawn min jirraġuna li meta persuna tkun qed tbati ħafna, il-ħajja umana titlef il-valur tagħha u għalhekk għandu jkollha d-dritt li tiġi megħjuna biex tneħħi ħajjitha. Aħna nifhmu t-tbatija psikoloġika u fiżika li pazjent u l-qraba jkunu qed iġarrbu. Aħna nħossu ma' kull min hu għaddej minn din it-tbatija. Però nemmnu li l-valur tal-ħajja umana ma jiddependix minn kemm persuna hija b'saħħitha jew sodisfatta bil-ħajja tagħha. Nemmnu wkoll li l-ewtanasja qatt ma tista' tkun fl-aħjar interess tal-pazjent jew pazjenta.

Il-Papa Franġisku, f'diversi diskorsi tiegħu, kien ċar ħafna dwar dan. Filfatt isejjaħ l-ewtanasja "theddida gravi għall-familji fid-dinja kollha" (*Amoris Laetitia*, 48).

Kull persuna għandha d-dritt li tingħata l-kura, u s-soċjetà għandha l-obbligu morali li tipprovdi s-servizzi mediċi biex tħares dan id-dritt għall-ħajja. Il-persuna għandha d-dritt, legali u morali, li tirrifjuta t-trattament mediku meta dan ma joffri l-ebda tama ta' ġid, jinvolvi spejjeż enormi jew jikkaġuna tbatija insopportabbli. Fl-istess waqt iżda, għandha tibqa' tingħata kull kura li ttaffi l-uġiegħ fiżiku u psikoloġiku li jista' jkun hemm sakemm il-proċess naturali tal-mewt jieħu l-kors tiegħu.

## "Jum Dinji ta' Talb għall-Ħarsien tal-Ħolqien"

"Iddeċidejt li nwaqqaf anki fil-Knisja Kattolika l-'Jum Dinji ta' Talb għall-Ħarsien tal-Ħolqien' li, ibda minn din is-sena stess, sa jiġi ċċelebrat fl-1 ta' Settembru, l-istess kif ilu jseħħ żmien fil-Knisja Ortodossa. ...

Bħala Nsara nixtiequ noffru s-sehem tagħna biex tingħeleb il-kriżi ekoloġika li minnha għaddejja l-familja tal-bnedmin. ...

Il-kriżi ekoloġika għalhekk qed issejħilna għal konverżjoni spiritwali qawwija: l-Insara huma msejħa għal konverżjoni ekoloġika ..." (Il-Papa Franġisku)

Ara fil-Laikos ... **http://www.laikos.org/Papa_Frangisku_JUmil-Holqien_06082015.htm**

## Tagħrif mil-Leġjun ta' Marija f'Għawdex

**1. Is-Sibt 10 ta' Settembru: Ningħaqdu fl-Adorazzjoni mal-Moviment**
Ewkaristiku fil-Knisja ta' San Frangisk, Victoria biex infakkru t-Twaqqif tal-Leġjun ta' Marija ( 7 ta' Settembru 1921). Quddiesa fit-8:30pm.

**2. Kors dwar il-Vera Devozzjoni lejn Marija. Mit-30 ta' Settembru 2016, kull**
nhar ta' Ġimgħa (7 lezzjonijiet) mill-5:00pm sas-6:00pm fil-Post tal-Leġjun, Pjazza San Frangisk, Victoria.

**3. Irtir bil-Magħluq għal-Leġjunarji mis-Sibt fit-8:00am sa nofs in-nhar**
tal-Ħadd, 24 u 25 ta' Settembru, f'Manresa.

SETTEMBRU 2016

# KALENDARJU PASTORALI

Numru 477

| | |
|---|---|
| 1. Il-Ħamis | Jum Dinji ta' Talb għall-Ħarsien tal-Ħolqien. |
| 2. Il-Ġimgħa | L-Ewwel IĠimgħa tax-xahar. Adorazzjoni u Tqarbina Riparatriċi.<br>Quddiesa għall-Professjonisti fil-Knisja ta' Santu Wistin, Victoria fit-8.30pm. |
| 3. Is-Sibt | San Girgor il-Kbir, Papa u Duttur tal-Knisja. Tifkira (O).<br>L-Ewwel Is-Sibt tax-xahar.<br>Lejl adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Knisja Ta' Ħamet - Quddies: 8.30pm u Nofsillejl). |
| **4. Il-Ħadd** | **It-23 Il-Ħadd tas-Sena. Sena Ċ.**<br>**Festa tal-Madonna tal-Karmnu fix-Xlendi.** |
| 5. It-Tnejn | San Lawrenz Giustiniani. Tifkira. |
| 6. It-Tlieta | San Żakkarija Profeta. Tifkira. |
| 7. L-Erbgħa | Tifkira tal-Bidu tal-Leġjun ta' Marija (7 ta' Settembru 1921). |
| **8.Il-Ħamis** | **It-Twelid tal-Imqaddsa Verġni Marija. Festa.**<br>Jum il-Vitorja. Festa Nazzjonali.<br>**Festa ta' Marija Bambina (Parroċċa Xagħra/Knisja ta' Savina, Victoria).** |
| 9.Il-Ġimgħa | San Pietru Claver, Presbiteru. Tifkira. |
| 10.Is-Sibt | Jibda Pellegrinaġġ Djoċesan għall-Art Imqaddsa (sat-18 ta' Settembru).<br>Lejl adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Knisja ta' San Franġisk, Victoria - Quddies: 8.30pm u Nofsillejl). *Ningħaqdu fl-Adorazzjoni mall-Moviment Ewkaristiku b'Quddiesa fit-8.30p.m. Knisja ta' San Franġisk, Victoria għal-Leġjunarji kollha b'tifkira tal-bidu tal-Leġjun ta' Marija.* |
| **11. Il-Ħadd** | **24 Hadd tas-Sena. Sena Ċ.** |
| 12.It-Tnejn | L-Isem tal-Verġni Mqaddsa Marija. Tifkira.<br>Irtir għas-saċerdoti f'Manresa (sas-16 ta' Settembru). |
| 13.It-Tlieta | San Ġwann Krisostmu, isqof u duttur tal-Knisja – Tifkira (O)<br>Il-5 dehra tal-Madonna ta' Fatima (Knisja ta' Ħamet: fil-5.30pm adorazzjoni solenni u fis- 6.30pm quddiesa u wara pellegrinaġġ ta' talb). |
| **14.L-Erbgħa** | **L-Eżaltazzjoni tas-Salib Imqaddes. Festa.** |
| 15.Il-Ħamis | Il-Verġni Mqaddsa Marija tad-Duluri. Tifkira (O). |
| **16.Il-Ġimgħa** | **Il-152 Anniversarju tat-Twaqqif tad-Djoċesi ta' Għawdex. Festa.** |
| 17.Is-Sibt | San Roberto Bellarmino, Isqof u duttur tal-Knisja. Tifkira.<br>Ċenaklu tal-Azzjoni Kattolika Dar Ċentrali fl-4.30p.m.<br>Lejl adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Knisja ta' San Franġisk, ir-Rabat - Quddies: 8.30pm u Nofsillejl). |
| **18.Il-Ħadd** | **Il-25 Il-Ħadd tas-Sena. Sena Ċ.**<br>**Festa tal-Madonna tal-Grazzja (Knisja tal-Kapuċċini, Victoria).** |
| 19.It-Tnejn | San Ġennaru, Isqof u Martri. Tifkira. |
| 20.It-Tlieta | Sant'Andrija Kim Taegon, Presbiteru San Pawl Chong Hasang, u sħabhom Martri, Tifkira (O).<br>Laqgħa tal-Kulleġġ tal-Kappillani. |
| 21.L-Erbgħa | San Mattew Appostlu u Evanġelista. Festa.<br>Jum l-Indipendenza (Festa Nazzjonali). |
| 22.Il-Ħamis | San Tumas ta' Villanova. Tifkira. |
| 23.Il-Ġimgħa | San Piju ta' Pietrelcina, Presbiteru. Tifkira (O). |
| 24.Is-Sibt | Il-Madonna tal-Ħniena. Tifkira.<br>Adorazzjoni għall-Persuni Kkonsagrati (Parroċċa TA' San Ġorġ, ir-Rabat - 7.00pm-9.00pm).<br>Lejl adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Knisja Ragħaj it-Tajjeb, ir-Rabat - Quddies: 8.30pm u Nofsillejl). |
| **25.Il-Ħadd** | **Is-26 Il-Ħadd tas-Sena. Sena Ċ.**<br>**Pellegrinaġġ Djoċesan Ġubilari għas-Santwarju tal-Mellieħa.** |
| 26.It-Tnejn | San Kosma u San Damjan Martri. Tifkira |
| 27.It-Tlieta | San Vinċenz de Paul, Presbiteru. (Tifkira O). |
| 28.L-Erbgħa | San Vinċeslaw, Re tal-Boemja, Martri jew San Lawrenz Ruiz u sħabu, Martri. |
| 29.Il-Ħamis | L-Arkanġli Mqaddsa, San Mikiel, San Gabrijel u San Rafel. Festa.<br>Laqgħa għall-Presidenti tal-Azzjoni Kattolika Dar Ċentrali, Victoria fid-9.00am u oħra fil-5.00pm. |
| 30.Il-Ġimgħa | San Ġilormu, Presbiteru u Duttur tal-Knisja. Tifkira (O).<br>"MIN MA JAFX L-ISKRITTURA MA JAFX LIL KRISTU". |

Il-Ġublew tal-Ħniena jagħlaq nhar Kristu Re, 20 ta' Novembru. Il-Ġublew qed joqrob lejn it-tmiem, imma l-ħniena ma tieqafx. X'fadalli nagħmel biex ngħix aktar fil-ħniena ta' Alla u nwettaq b'ħeġġa aktar l-Opri tal-Ħniena?